# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

**Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Godwin Zammit**

Il-Qorti rat l-imputazzjoni miġjuba kontra **Godwin Zammit**, li għandu l-karta tal-identita bin-numri 166870M li permezz tagħha huwa ġie akkużat talli fis-16 ta' Mejju 2015 għall-ħabta tal-04:00 u wara dan il-ħin, f'40, Eagle, Triq ix-Xgħir, Ħaż-Żebbuġ : -

1. Filwaqt li kien qiegħed jagħmel reat kontra s-sigurta tal-persuna u ċjoe' oħtu Tania Mifsud u żewġha Mark Mifsud, kellu fuq il-persuna tiegħu arma regolari jew munizzjon jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oġġetti;
2. Flimkien mat-theddid, ukoll fil-każ ta' theddid bil-fomm, kien hemm ordni jew kondizzjoni;
3. U aktar talli għamel lil ħaddieħor inġurji jew theddid, jew jekk kien provokat, inġurja b'mod li joħroġ barra mill-limiti.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll li toħroġ ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Artikolu412C fejn tipprojbixxi lill-imputat milli javviċina lill-oħtu Tania Mifsud u lir-raġel tagħha Mark mifsud u l-familja tagħhom u r-residenza tagħhom kif ukoll il-post fejn tali persuni jiffrekwentaw.

Fil-każ ta' ħtija il-Qorti hija mitluba sabiex tissospendi lil Godwin Zammit milli jżomm jew jikseb jew jottjeni kwalkwe liċenza ta' arma tan-nar, kif ukoll tordna l-konfiska ta' l-arma tan-nar tal-għamla Benelli li biha twettaq ir-reat.

Rat l-atti u d-dokumenti ippreżentati;

Semgħet il-provi prodotti u s-sottomissjonijiet tal-partijiet;

***Ikkunsidrat : -***

Illi f'dan il-każ ix-xhud prinċipali tal-Prosekuzzjoni Tania Mifsud, li tiġi oħt l-imputat u xhud okulari tal-inċident kollu, talbet lil Qorti li fid-dawl tal-fatt li l-imputat jiġi ħuha, hija tiġi eżentata milli tixhed stante l-grad ta' qrubija bejna u bejn l-imputat. Il-Qorti wara li rat iċ-ċirkostanzi tal-każ kif ukoll il-grad ta' qrubija u x-xewqa soda tax-xhud li ma tixhedx kontra ħuha wara li qieset dak li jgħid l-Artikolu 633(2) tal-Kodiċi Kriminali laqgħet it-talba.

Il-Qorti pero semgħet ukoll id-deposizzjoni tal-Ispettur Kylie Borg li matul il-kors tal-investigazzjoni tagħha ħadet stqarrija lill-imputat. Fil-fatt, il-Prosekuzzjoni isserraħ il-każ tagħha fuq l-imsemmija stqarrija u dak reġistrat fil-PIRS.

Essenzjalment minn din l-istqarrija, l-imputat jistqarr li : -

(a) Fid-data, ħin, lok u ċirkostanzi imsemmija fil-komparixxi kien minnu li hu, oħtu u żewġha kellhom argument bejniethom;

(b) Dan l-inċident beda fil-forma ta' argument verbali bejniethom; iżda f'mument minnhom l-imputat qabad f'idu s-senter li kien fil-kamra tiegħu u ħareġ bih sal-bieb tal-kamra tas-sodda tiegħu;

(c) Huwa jgħid li huwa qal xi diskors lejn il-parte civile iżda ma jiftakarx x'diskors kien qal – u jikkonċedi wkoll li kien xurban, għalkemm mhux fis-sakra;

(d) Ma jiftakarx li qal kliem fis-sens li kien sejjer "joqtolhom";

(e) Biss jikkonċedi wkoll li meta qam l-argument minħabba li oħtu u l-familja tagħha kienu qegħdin idejqu lill-ommu għax skontu għamlu kull m'hemm tagħhom, huwa ħareġ bis-senter għax ried ibeżżagħhom biex jitilqu l-hemm. U rnexxielu għaliex huma fil-fatt telqu dakinhar stess bl-affarijiet tagħhom b'kollox;

(f) Itenni wkoll li għalkemm mar bis-senter, dan ma kienx fih skatroċċ għaliex l-iskartoċċ kien fil-kamra, pero huwa ma kellux ħsieb jużah;

(g) Itenni wkoll li wara li ġew il-Pulizija, huwa qalilhom biex iżommu s-snieter huma għaliex huwa kien xurban u qallhom ukoll li ma riedx is-snieter lura.

***Ikkunsidrat : -***

Illi f'dan il-każ il-Qorti hija moralment konvinta mhux biss li swħħ argument verbali iżda wkoll kien hemm qabża fil-kwalita meta l-imputat iddeċieda li jmur bis-senter.

Il-Qorti ma għandhiex prova diretta kwantu għal dak li jirrigwarda l-kliem li ġie skambjat bejn l-imputat u l-parte civile – stante li l-parte civile għażlet li ma tixhedx f'dan il-każ. Il-Qorti ma tistax għalhekk issib lill-imputat ħati ta' theddid verbali fuq il-parte civile. Iżda din il-Qorti hija moralment konvinta mill-istqarrija tal-imputat li r-reat imsemmi fit-tielet imputazzjoni huwa ben integrat in kwantu l-imputat ikkommetta theddida fil-forma reali tagħha. Tant kien effettiv fit-theddida reali tiegħu li rnexxielu jilħaq l-iskop tiegħu tant li dakinhar stess il-parte civile telqu mid-dar t'ommu bi ħwejjiġhom b'kollox.

Din il-Qorti ssib diffikulta biex tikkonsidra lill-imputat ħati wkoll tat-tieni imputazzjoni in kwantu tifhem li din l-imputazzjoni hija naxxenti minn dak dispost mill-Artikolu 249(2) tal-Kodiċi Kriminali. Din il-Qorti jidhrilha li dan is-sub-Artikolu għandu qabel xejn jiġi moqri fil-kuntest

tal-istess Artikolu 249 billi jikkwalifika r-reat ipotizzat fl-Artikolu 249(1) u ma joħloqx reat ieħor indipendenti minn dak dispost mill-istess Artikolu 249(1) tal-Kodiċi Kriminali. Dan l-Artikolu jippreskrivi hekk : -

> **249.** (1) Kull min bil-mezz ta' karta miktuba, sew jekk anonima kemm jekk tkun iffirmata bl-isem tiegħu nnifsu jew b'isem maħluq, jhedded lil ħaddieħor b'xi delitt, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn xahar sa sitt xhur:

Jiġifieri sabiex it-tieni imputazzjoni tirnexxi, il-Qorti jrid ikollha prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li l-imputat f'dan il-każ, sija bil-kitba (anonima jew iffirmata b'ismu jew isem maħluq) **<u>jew</u>** ukoll almenu bil-fomm, hedded lill-parte civile b'xi delitt u flimkien ma din it-theddid ta' delitt tiġi wkoll akkumpanjata minn ordni jew kondizzjoni. Fil-fehma tal-Qorti il-provi prodotti quddiemha ma jwaslux sa dan il-punt. Il-provi jwasluha tikkonkludi li l-imputat bil-mezz tas-senter li qabad lejn il-parte civile irrenda ruhu ħati ta' theddid reali fil-konfront tal-parte civile iżda ma ġiex pruvat jekk dik it-theddida reali kienetx akkumpanjata wkoll b'theddid verbali u / jew ordni jew kondizzjoni.

Jibqa l-fatt li l-imputat ġie wkoll akkużat billi filwaqt li kien qiegħed jagħmel reat kontra s-sigurta tal-persuna u ċjoe' oħtu Tania Mifsud u żewġha Mark Mifsud, kellu fuq il-persuna tiegħu arma regolari jew munizzjon jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oġġetti.

Ir-reat li din il-Qorti qegħda ssib li l-imputat ikkommetta theddida reali kontra l-persuna tal-parte civile. Reat, tinkludi kontravvenzjoni. Ir-reat

ipotizzat mill-prosekuzzjoni fit-tielet imputazzjoni huwa dak naxxenti mill-Artikolu 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali. Dan ir-reat jaqa' taħt l-Ewwel Ktieb, Taqsima III "Fuq il-Kontravvenzjonijiet u l-Pieni", Titolu I "Fuq il-Kontravvenzjonijiet", Sub-titolu II "Fuq il-Kontravvenzjonijiet kontra l-Persuna".

Ir-reat ipotizzat fl-ewwel imputazzjoni allura huwa wkoll konfigurabbli fil-fattispecie ta' dan il-każ għaliex filwaqt li kien qiegħed juża l-arma biex iwettaq it-theddida reali tiegħu l-imputat kien qiegħed fil-kontemp jikkommetti d-delitt preskritt fl-Artikolu 55(a) tal-Kap 480 in kwantu huwa kien qiegħed, fil-waqt li qiegħed jagħmel reat kontra l-persuna (theddid reali) kellu fuq il-persuna tiegħu arma regolari. F'dan il-każ il-Qorti tifhem pero li l-ġarr tal-arma kien il-mezz li bih setgħa jiġi kommess ir-reat ta' theddid reali. Għalhekk tqis ukoll li stante li dawn iż-żewġt reati ma jagħmlux delitt ikkwalifikat, iżda wieħed serva bħala mezz biex isir ir-reat l-ieħor, il-piena għandha tkun adegwata skont l-Artikolu 17(h) tal-Kodiċi Kriminali u b'hekk tingħata l-piena għar-reat l-aktar gravi, f'dan il-kuntest jirriżulta li hu (stante li l-Prosekuzzjoni ma addebitatx lill-imputat xi delitt ieħor li setgħa kien konfigurabbli f'dan il-każ) ir-reat ipotizzat taħt l-ewwel imputazzjoni.

## ***Decide***

Li qegħda ssib lill-imputat mhux ħati tat-tieni imputazzjoni miġjuba kontrih u minnha tilliberah minn kull ħtija u piena filwaqt li ssibu ħati tal-ewwel u tat-tielet imputazzjonijiet miġjuba kontrih u wara li rat l-Artikoli 17(h), 249(1)(2) u 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali kif ukoll l-Artikoli 55(a), 56 u 61 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta tikkundannah għall-perjodu ta' xahar priġunerija iżda wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali tordna li din is-sentenza ma għandhiex tiġi fis-seħħ għajr ħlief jekk matul il-perjodu ta' sena millum il-ħati jikkommetti reati ieħor li għalih hemm il-piena ta' priġunerija.

Il-Qorti fehmet lil ħati bi kliem ċar u li jinftiehem ir-responsabbilta' tiegħu u l-konsegwenzi li jitnisslu fil-każ li huwa jikkommetti tali reat ieħor matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza sospiża u dan ai termini tal-Artikoli 28A(4) u 28B tal-Kodiċi Kriminali.

Inoltre l-Qorti tordna l-konfiska favur tal-Gvern ta' Malta tal-arma elevata mill-Pulizija u li permezz tagħha ġew kommessi r-reati meritu ta' dan il-każ.

Il-Qorti qegħda wkoll, sabiex jinżamm il-bon-ordni u l-kwiet tal-pubbliku kif ukoll sabiex tipprovdi għas-sigurta ta' Tania Mifsud, Mark

Mifsud u l-familjari tagħhom tqiegħed lill-ħati taħt obbligazzjoni tiegħu innifsu għall-perjodu ta' sena millum u dan taħt penali ta' elf euro (€1000).

***Mogħtija illum il-11 ta' Diċembru 2015 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja.***